**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 28 ta' Marzu 2023**

**Rikors nru : 211/2022 AGV**

AK

Vs

GP F

**Il-Qorti ;**

**Reat ir-RIKORS GURAMNETAT ta' A K, datat 4 ta' Ottubru 2022;**

Tesponi bir-rispett :

1. Illi r-rikorrenti u l-konvenut GP F kellhom relazzjoni mill liema relazzjoni twieldet il-minuri TK detentur tal-karta tal-identita' 464212L fil hmistax ta' Jannar 2021 ( 15/02/2021 ) liema twelid gie registrat mir-rikorrenti u ddikjarat li l-missier mhux maghruf hekk kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid anness u mmarkat bhala DOK. A.

2. Ilii l-konvenut kellu relazzjoni extra martimonjali mar-rikorrenti u ladarba r-rikorrenti taghtu l-ahbar li kienet tqila il-konvenut temm ir-relazzjoni u qalillha biex tehles mit-tifel.

3. Illi minkejja li l-konvenut kien konsapevoli li l-esponenti kienet qed tistenna tarbija u li kien il-missier, l-istess intimat sparixxa minn hajjet ir-rikorrenti u dan minkejja diversi tentattivi da parti tal-esponenti sabiex taghmel kuntatt mieghu sahansitra anke meta taghtu l-ahbar li twieled it-tifel.

4. Illi minhabba kliem l-konvenut ir-rikorrenti ddikjarat li l-missier mhuw maghruf hekk kif jirrizulta mic-certifakat tat-twelid tal-minuri NT Kkif anness bhala DOK A.

5. Illi l-esponenti kemm il- darba ppruvat tasal f' arrangament bonarju mal-intimat izda dan ma ried jasal ghal ebda ftehim u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

6. Illi rikorrenti ghandha l-interess li tiddikjara l-paternita reali tal-minuri NTK sabiex il-konvenut jirrikonoxxi u jmantini lill-minuri.

7. Illi l-paternita vertjiera tal-minuri NTK tista tigi facilment stabbilita permezz ta testijiet genetici.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost u dan okkorendo bl-opra ta periti nominati mminn din l-Onorabbli Qorti l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qporti sabiex

1. Tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti tal-Ligi l-intimat Glen Paul Field huwa l-missier naturali tal-Minuri NK li twieled fil-Hmistaxx ta Jannar 2021.

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twlied tal-minuri sabiex il-paternita tal-istess minuri tigi korrettament rispekkjata fl-isteeess att tat-twlied billi fil-kolona fejn hemm miktubin id-dettalji tal-missier prezentament Unknown father l-istess dettalji jigu sostitwiti bid-dettalji tal-Missier tal-minuri BTK ossia GPF.

**Bl-ispejjez kontra l-intimat jew min minnhom li huwa ngunt ghas-subizzjoni.**

**IL-QORTI ;**

**RAT IN-NOTA TAD-DIRETTUR TAR-REGISTRU PUBBLIKU;**

Illi permezz tagħha qiegħed iġib is-segwenti għall-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti f'dawn il-proċeduri fejn huwa mhux parti iżda ġie sempliċement innotifikat:

1. Illi l-esponent mhux edott mill-fatti li ġew iddikjarati mir-rikorrenti fir-rikors ġuramentat promotur, biss la darba l-proċeduri odjerni jikkonċernaw il-paternità tal-minuri NTK , ikun xieraq illi l-istess minuri jkun parteċipi fl-istess proċeduri u li jinħatru kuraturi deputati sabiex iħarsu l-interessi tiegħu;

2. Illi jidher ukoll li din l-azzjoni kellha tkun preċeduta minn ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi tenut kont tan-natura tal-proċeduri odjerni, ikun xieraq illi din l-Onorabbli Qorti tistieden lill-partijiet kollha kkonċernati sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi, u dan sabiex jiġi vverifikat jekk l-intimat huwiex verament il-missier naturali tal-minuri;

4. Illi f'każ li jintlaqgħu t-talbiet attriċi, il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri;

5. Illi fir-rigward tat-tieni talba attriċi, f'każ li jintlaqgħu it-talbiet tar-rikorrenti minn din l-Onorabbli Qorti, permezz ta' nota għandhom jiġu speċifikati d-dettalji tal-konvenut GP F fil-mument tat-twelid tal-minuri NTK , senjatament is-segwenti: (1) In-numru tal-karta tal-identità tiegħu, (2) Ismu u kunjomu, (3) L-età tiegħu meta twieled il-minuri, (4) Il-post tat-twelid tiegħu, (5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieled NT 6) L-isem u l-kunjom tal-ġenituri tiegħu, u (7) Jekk il-ġenituri tal-konvenut kinux ħajjin meta twieled il-minuri N T . Tali informazzjoni

hija meħtieġa sabiex eventwalment tkun inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri nnumerat 464/2021.

Rat li l-konvenut GP F , debitament notifikat, ma ppresentax risposta, u ghalhekk il-Qorti ddikjaratu kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Illi din il-kawza hija talba biex il-konvenut GPF jigi rikonoxxut bhala l-missier bijologiku tal-minuri NTK.. L-attrici esebiet kopja ta' DNA test illi sar minn Dr Marisa Cassar, liema test fil-fatt ikkonferma li l-konvenut huwa l-missier. Din il-prova hija wahda xjentifika u ma thalli ebda lok ghal interpretazzjoni jew dubju mod iehor, u ghalhekk il-Qorti hija konvinta li t-talbiet attrici ghandhom jintlaqghu. Inoltre l-Qorti sejra tordna li d-dettalji tal-konvenut jigu esebiti fil-process sa mhux aktar tard minn xahar mid-data tas-sentenza, sabiex ic-certifikat tat-twelid tal-minuri jigi korrett kif indikat mill-istess Direttur Registru Pubbliku.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa' t-talbiet attrici.

1. Tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti tal-Ligi li l-intimat GP F huwa l-missier naturali tal-Minuri NK li twieled fil-hmistax (15) ta’ Jannar 2021.

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twlied tal-minuri sabiex il-paternita tal-istess minuri tigi korrettament rispekkjata fl-istess att tat-twlied billi fil-kolonna fejn hemm miktubin id-dettalji tal-missier prezentament Unknown father l-istess dettalji jigu sostitwiti bid-dettalji tal-Missier tal-minuri NTK ossia GPF.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut F.

**Imhallef**

**Onor Anthony Vella**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**